MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tal-11 ta' April, 2005

Numru 143/2003

**Il-Pulizija**
**Supretendent Neil Harrison**
v

**AKRAM AMAR SWAYAH**

**Il-Qorti;**

Rat li l-imputat **AKRAM AMAR SWAYAH** ta' sitta w ghoxrin sena bin Amar u Monira, imwieled Tripoli l-Libja, nhar l-hamsa ta' Dicembru 1976 presentement mizmum fil-Facilita Korrettiva ta' Kordin, detentur ta' passaport Libjan numru 263988 gie mressaq quddiemha akkuzat:

1. talli minghajr l-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta' PS 951 Joseph Tonna f'perikolu car, ikkaguna offiza gravi u cioe sfregju gravi u permanenti fil-wicc jew fl-ghonq tieghu, persuna nkarigata skond l-ligi

minn servizz pubbliku waqt li kien qed jaghmel jew minhabba li jkun ghamel dan s-servizz;

2. talli minghajr l-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta' PC 152 Consiglio Tanti f'perikolu car, ikkaguna offiza hafifa fuq il-persuna tieghu, persuna nkarigata skond l-ligi minn servizz pubbliku waqt li kien qed jaghmel jew minhabba li jkun ghamel dan s-servizz;

3. talli attakka jew ghamel resistenza bi vjolenza jew b'hebb ta' xort'ohra li ma titqiesx vjolenza pubblika kontra PS 951 Joseph Tonna u PC 152 Consiglio Tanti, persuni nkarigati skond l-ligi minn servizz pubbliku filwaqt li kienu qed jagixxu ghal esekuzzjoni tal-ligi jew ta' ordni moghti skond l-ligi mill-awtorita kompetenti;

4. talli bil-hsieb li jahrab minn post ta' kustodja jew ta' piena jew mill-kustodja tal-persuna jew persuni nkarigati mill-kustodja tieghu, bi vjolenza fuq il-persuni ta' kontra PS 951 Joseph Tonna u PC 152 Consiglio Tanti wera dan il-hsieb b'atti esterni u ta bidu ghal esekuzzjoni tad-delitt liema delitt ma kienx gie esegwit minhabba xi haga accidentali w indipendenti mill-volunta tieghu;

5. talli wkoll b'nuqqas ta' hsieb, bi trasskuragni jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni tieghu jew b' nuqqas ta' tharis tar-regolamenti ghamel hsara ghad-dannu ta' kontra PS 951 Joseph Tonna, liema hsara ma taqbisx l-hamsin lira maltin.

Il-Qorti giet mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skond l-ligi, tordna lil imputat jhallas l-ispejjes li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti ai termini tal-artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat id-dokumenti kollha esebiti fosthom l-artikoli mibghuta mill-Avukat Generali nhar l-ghoxrin ta' Jannar 2005 [fol 131].

Semghet lil imputat jiddikjara li m'ghandhux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat u deciz minn din il-Qorti fil-

kompetenza taghha fuq riferita kif registrata waqt s-seduta tal-erbatax ta' Frar 2005 [fol 132].

Semghet lix-xhieda kollha prodotta mill-Prosekuzzjoni.

Semghet lil partijiet jittrattaw l-kawza fis-seduta tas-sebgha ta' Marzu 2005.

Ikkunsidrat:

Illi nhar s-sebgha w ghoxrin ta' Frar 2003 **xehed l-allura Spettur Neil Harrison** [fol 7] fejn qal li nhar d-disgha w ghoxrin t' Lulju 2002 il-Pulizija kienet ghamlet sejba ta' droga f'Bugibba u f'San Giljan u fost il-persuni arrestati kien hemm l-imputat u persuna ohra certa Margaret Andalo pero fl-ewwel ta' Awissu 2002, kif dawn iz-zewg persuni kienu qed jigu skortati biex jitressqu l-Qorti u specifikatament ghal imputat odjern, dawn kienu qed qed jinzammu fil-lock up tal-Qorti isfel u kmieni filghodu dakinhar, hin minnhom skorta mieghu kien hemm PS 951 Joseph Tonna. Ix-xhud qal li l-imputat odjern kien immanettjat b'idejh it-tnejn quddiem. Irrizulta li hin minnhom l-imputat irnexxilu johrog manetta minn idu waqt li s-Surgent m'indunax. Ix-xhud kompla jghid li PS 951 Joseph Tonna dak l-hin ra jigri lejn il-bieb tal-lock up li huwa bieb ta' garaxx li jaghti ghal Strada Stretta u dan s-Surgent mar jigri ghal warajh u kif irnexxilu jzommu, l-imputat tah daqqa ta' ponn bil-manetta stess li rnexxielu johrog billi ghamilha ponn f'idu. Qal li PS 951 Joseph Tonna f'dan l-incident sofra griehi taht geddumu u xi ksur hafif f'wiehed mis-swaba tieghu w ittiehed l-isptar u gie ezaminat minn Doctor Gunther Abela fejn sarulu ghaxar punti fuq geddumu w inhariglu certifikat mediku. Waqt dan l-incident kompla jghid x-xhud, kien hemm presenti wkoll WPC 119 Cynthia Camilleri li kienet skorta mal-persuna l-ohra u kien hemm presenti wkoll PC 152 Consiglio Tanti li kien duty l-lock up li ftit wara ntervjena sabiex jinzamm l-imputat odjern. PC 152 Consiglio Tanti wkoll gie ezaminat minn Doctor S. Zammit mill-Floriana Health Centre fejn nstab li kellu xi feriti hfief fuq wiccu. Ix-xhud kompla jghid li sar rapport l-Ghassa tal-Belt Valletta u kien mar fuq il-post PS 928 Ramon Mifsud u l-imputat

gie mressaq il-Qorti.  Ix-xhud qal li dan il-kaz kellu jigu nvestigat mill-Ghassa tal-Belt Valletta pero peress li wara certu zmien ma kienetx ittiehdet azzjoni, beda jinvestiga dan l-kaz hu stess.  Qal li hu kien ha stqarrija tal-imputat li gharaf presenti fl-awla fil-presenza ta' PS 1579 Johan Micallef wara li kien tah s-solita twissija u li l-imputat kien qallu li jifhem l-lingwa Maltija.  Ix-xhud esibixxa din l-istqarrija li giet mmarkata mill-Qorti bhala dokument NH 1 [fol 10].  Ix-xhud qal li f'din l-istqarrija l-imputat kien cahad li kien ta daqqa ta' ponn lil PS 951 Joseph Tonna u li dan kien weggha accidentalment, pero a bazi ta' dak li kienu qalulu kemm pulizija ohra presneti kif wkoll PS 951 Joseph Tonna, hu ressaq lil imputat l-Qorti.

Illi nhar s-sebgha w ghoxrin ta' Frar 2003 **xehed PS 951 Joseph Tonna** [fol 13] fejn qal li nhar l-ewwel ta' Awissu 2002 waqt li kien skorta fil-lock up mal-imputat li gharaf presenti fl-awla, u kienu qed jistennew struzzjonijiet sabiex jtellgha lil imputat ghal presentata ta' proceduri ohra, hu u l-imputat kienu bil-qeghda fuq l-bank fl-istess lock up.  Ix-xhud qal li l-imputat kien bilqeghda fuq ix-xellug tieghu u fuq il-lemin kien hemm pulizija mara u magemba kien hemm l-ko-akkuzata ohra fi proceduri ohra.  Ix-xhud kompla jghid li hin minnhom, kif dawwar wiccu lejn l-imputat, hass daqqa qawwija go wiccu,  u l-imputat ta s-salt ghal bieb principali tal-lock up.  Ix-xhud qal li hu gera ghal warajh, lahqu u bdew jissaraw u l-imputat ipprova jitlaq u hu pprova jzommu.  Ix-xhud qal  li dak l-hin hu nduna li l-imputat irnexxilu jnehhi wahda mill-manetti ta' id wahda u jilbishom fuq wahda u ghalhekk irnexxilu jzomm l-manetta fuq in-naha tal-ponn fuq in-naha tas-snien.  Qal li l-imputat kompla jaghtih bil-manetta u hu beda jilqa d-daqqiet u jzomm lil imputat milli jahrab.  Ix-xhud qal  li dak l-hin beda hiereg hafna demm u hu zelaq fid-demm tieghu stess u l-imputat rega' ta s-salt ghal bieb tal-lock up.  Ix-xhud qal li hu irnexxilu jqum u jaqbad lil imputat u rega' beda jissara mieghu.  Qal li ftit wara waslu xi pulizija ohra tal-lock up u hu rega' waqa.  Ix-xhud qal li dak l-hin hu ra lil imputat jaghti daqqa ta' ponn lil pulizija iehor tal-lock up bil-manetti fuq il-gemb ta' wiccu u meddu mal-art bid-daqqa li tah.  Qal li meta hu qam irnexxilu jaqbad lil imputat u jahtfu sewwa, ghamilu daru mal-

kancell tal-lock up, qallu biex jieqaf w irnexxilhom jaqfluh f'parti tal-lock up. Qal li wara giet l-ambulanza li haditu l-isptar fejn irrizulta li kellu ferita fuq geddumu ta’ hames centimetri tul u kellu t-tieni saba ta' idu x-xellugija miksur barra li kellu diversi punti li sarulu. Ix-xhud esibixxa l-patient certification form li giet mmarkata bhala dokument CSH [fol 16] li giet moghtija lilu minn Doctor Gunther Abela fejn l-feriti subiti minnu kienu gew klassifikati bhala ta' natura gravi. Ix-xhud esibixxa wkoll sebgha ritratti li jindikaw l-feriti li sofra hu waqt dan l-incident li gew mmarkati bhala dokument CSH 1 [fol 17]. Huwa esibixxa wkoll l-hwejjeg li kien liebes dakinhar kif wkoll d-discharge note mill-isptar San Luqa li giet mmarkata bhala dokument CSH 3 [fol 18]. Ix-xhud stqarr li ma kienx hu li kien immanettja lil imputat dakinhar u jaf li dan kien gie mghoddi bil-manetti minn quddiem. Qal li l-bieb li ghalih gera l-imputat meta pprova jahrab, li jinqafel minn gewwa kemm tgholli l-firoll, kien dak li jaghti ghal Strada Stretta, mill-liema triq tigi ghal Strada Repubblika. Ix-xhud qal li l-feriti li garrab hu saru mill-imputat bil-manetti li kellu u mhux bil-waqa. Qal li fil-fatt hu ha kumpens minhabba l-griehi li sofra peress li ghadda *injury board*.

Illi nhar s-sebgha w ghoxrin ta' Frar 2003 **xehed PC 152 Consiglio Tanti** [fol 19] fejn qal li nhar l-ewwel ta' Awissu 2002 waqt li kien stazzjonat l-Ghassa l-Belt u kien fil-lock up ghall-habta tal-ghaxra u nofs jew il-hdax ta' filghodu, PS 951 Joseph Tonna gab lil imputat li gharaf presenti fl-awla sabiex dan ikun jista jittellgha l-Qorti peress li kien taht arrest preventiv. Qal li l-imputat qaghad bil-qeghda fuq il-bank bis-surgent ma gembu u daqq it-telefon. Qal li hu mar jirrispondih u meta qata, ra lil xi hadd jissara li fil-fatt kien l-imputat u PS 951 Joseph Tonna. Ix-xhud qal li dak l-hin l-imputat li kien fil-parti fejn titla bil-lift, kellu l-manetta mahlula, ghamilha ponn u beda jaghti biha lil PS 951 Joseph Tonna. Ix-xhud kompla jghid li appena l-imputat rah, tar u telaq ghad-direzzjoni tal-garaxx fejn hemm l-bieb u fetah l-istess bieb tal-garaxx. Ix-xhud kompla jghid li waqt li hu kien qed izomm s-serratura ta' taht, l-imputat beda jaghtih bil-manetti pero rnexxilu jsakkar l-bieb jerga sabiex ma jahrabx waqt taqtigha bejnu u bejn l-imputat. Ix-xhud kompla jghid li hu spicca

b'diversi feriti f'wiccu u li PS 951 Joseph Tonna kien mimli demm jqattar u li kien hemm dmijja wkoll lejn n-naha tal-bieb.

Illi nhar s-sebgha w ghoxrin ta' Frar 2003 **xehed PS 1579 Johan Mifsud** [fol 21] fejn qal li nhar t-tlieta ta' Frar 2003 hu kien presenti waqt li l-allura Spettur Neil Harrison kien ta t-twissija lil imputat qabel ma dan rrilaxxja l-istqarrija tieghu markata bhala dokument NH 1 [fol 10]. Ix-xhud gharaf fuq din l-istqarrija l-firma tieghu, tal-imputat kif wkoll tal-allura Spettur Neil Harrison. Ix-xhud qal li fejn hemm miktub fl-istqarrija 'PC 1579 Johan Micallef', dan ghandu jaqra 'PS 1579 Johan Mifsud'.

Illi nhar s-sebgha w ghoxrin ta' Frar 2003 **xehed PS 928 Ramon Mifsud** [fol 23] li esibixxa l-okkorrenza mehuda minnu nhar l-ewwel ta' Awissu 2002 dwar l-incident li sar fil-lock tal-Belt Valletta, liema okkorrenza giet mmarkata bhala dokument PS [fol 25].

Illi nhar t-tletin ta' April 2003 **xehed Doctor Dino Vella Briffa** [fol 33] fejn qal li huwa kien gie nominat mill-Magistrat sedenti sabiex jezamina lil PS 951 Joseph Tonna ghar-rigward ta' griehi li allegatament sofra nhar l-ewwel ta' Awissu 2002. Qal li hu ezaminah nhar l-erbgha ta' Marzu 2003 fejn sab li dan kellu ticrita minn quddiem ghal wara twila erbgha centimetri taht geddumu. Qal li dakinhar din il-ferita kellha l-kulur tal-gilda u ghalhekk kienet biss tista tinhass u la kienet imqabbza 'l barra u lanqas imhaffra 'l gewwa u pjuttost kienet mohbija fil-gangala tal-pazjent. Qal li dan r-ragel ghandu hamsa w erbghin sena u li fil-fehma tieghu din il-ferita ma tikkostitwix sfregju u ghalhekk ikklassifikha bhala ferita ta' natura hafifa. Huwa esibixxa r-relazzjoni tieghu li giet mmarkata bhala dokument DVB [fol 35].

Illi nhar t-tmintax ta' Gunju 2003 **xehed Doctor Stanley Zammit** [fol 41] fejn qal li ma jiftakarx li ezamina lil PS 951 Joseph Tonna peress li ghaddiet sena mill-kaz. Pero meta **reggha xehed nhar l-hmistax ta' Dicembru 2004 Doctor Stanley Zammit** [fol 127] meta gie muri certifikat mediku rilaxxjat minnu nhar l-ewwel ta' Awissu 2002 w

mmarkata bhala ST 1 a fol 64, ikkonferma li dan kien gie mahrug minnu dakinhar, gharaf l-firma tieghu fuqu u kkonferma li kien ezamina lil dak l-pazjent dakinhar. Qal li l-pazjent dakinhar kellu gundalla u brix li kienu ta' natura hafifa u li dawk l-griehi setghu gew kagjonat permezz ta' daqqa ta' manetta.

Illi nhar t-tmintax ta' Gunju 2003 **xehdet WPC 119 Cynthia Camilleri** [fol 42] fejn qalet li nhar l-ewwel ta' Awissu 2002 hi kienet qed takkumpanja lil certa Margaret Andalo lura lejn l-lock up tal-Qorti u li maghha kien hemm l-imputat odjern li gharfet presenti fl-awla. Qalet li isfel qaghdu bil-qeghda faccata tal-gate fejn hemm l-bars tal-hadid, liema bieb jaghti ghal Strada Stretta u cioe minn fejn jidhlu l-prigunieri. Qalet li Margaret Andalo kienet immanettjata filwaqt li l-imputat kien manettjat minn quddiem. Ix-xhud kompliet tghid li f'daqqa wahda meta kienu bil-qeghda ghal kwiet, l-imputat presenti hareg id wahda minn naha tax-xellug tal-manetti u bl-ohra xejjer daqqa lil PS 951 Joseph Tonna u laqtu f'wiccu u dan imtela bid-demm. Dak l-hin l-imputat telaq jigri lejn il-bieb filwaqt li PS 951 Joseph Tonna telaq jigri ghal warajh biex jipprova jilhqu. Qalet li dan kollu gara f'hakka t'ghajn. Kompliet tghid li waqt li PS 951 Joseph Tonna kien sejjer jilhaq lil imputat, zelaq pero irnexxilu jaqbad lil imputat w iggranfa mieghu sabiex jigbdu lura mill-bieb. Qalet li hi mbaghad ghajjet lil Pulizija iehor tal-lock up li mar jaghti l-ghajnuna.

Illi nhar t-tlettax ta' Awissu 2003 **xehdet WPC 51 Louise Calleja** [fol 47] fejn qalet li hija stazzjonata l-Human Resources u mir-ricerki li ghamlet rrizulta li PS 951 Joseph Tonna u PC 152 Consiglio Tanti nhar l-ewwel ta' Awissu 2002 kienu ngaggjati mal-Korp tal-Pulizija.

Illi nhar t-tlettax ta' Awissu 2003 **xehed Doctor Gunther Abela** [fol 56] fejn qal li hu ezamina lil Joseph Tonna fid-dipartiment tal-Emergenza tal-isptar San Luqa nhar l-ewwel ta' Awissu 2002 ghall-habta tal-hdax u nofs ta' filghodu fejn sab li kien qed jsofri minn ferita fuq geddumu bil-bordura tal-ferita mtertqa. Qal li l-ferit kienet tinvolvi biss l-gilda w ix-xaham ta' taht. Qal li l-frattur kien ta' bejn

erbgha u hames centimetri. Qal li kellu wkoll *sub laceration* u *evisage fracture* tal-ghadma msejjha *terminal failing* fir-raba saba ta' idejh ix-xellugija. Huwa kklassifika dawn il-feriti bhala **gravi** salv kumplikazzjoni. Doctor Abela kompla jghid li l-pazjent kien qallu li kien qala daqqa u li din il-versjoni hija kompatibbli maghha. Qal li sussegwentement dan il-pazjent kien gie nvistat minn Consultant Dental Surgeon minhabba l-ferita f'wiccu. Qal li fil-fehma tieghu ma kienx hemm fratturi tal-mandable u ghalhekk huwa hitlu l-ferita.

Ikkunsidrat:

Illi minn ezami tal-provi prodotti m'hemmx dubbju illi l-imputat ghamel dak li ghamel u cioe` li nhall minn manetta wahda, ta' daqqa ta' ponn lil PS 951 Joseph Tonna u kkagunalu ferita f'geddumu, issara ma' PC 152 Consiglio Tanti u ghal darb'ohra kkagunalu ferita ukoll, ta' is-salt lejn il-bieb li jinfed ghal triq pubblika, meta huwa kien qed jinzamm f'post ta' kustodja, bl-intenzjoni li jahrab u b'hekk ma jitressaqx il-Qorti ghall-akkuzi tant serji li l-Prosekuzzjoni kienet ser takkuzah bihom. M'hemmx dubju li waqt dan l-agir, l-imputat ikkawza hsarat billi rrovina l-uniformi ta' ufficjal tal-Pulizija, PS 951 Joseph Tonna.

Illi l-Qorti ma tistax taht l-ebda cirkostanza taccetta li bniedem li ser jitressaq il-Qorti u jkun mizmum mill-Pulizija jhebb ghall-Ufficjal tal-Pulizija u jkun vjolenti mieghu waqt li dan qieghed jaghti servizz lis-socjeta`. L-uzu ta' forza qatt ma tista' tigi gustifikata meta din tigi ezercitata fil-konfront tal-membri tal-Pulizija in konnessjoni mal-esercizzju tad-dmirijiet pubblici taghhom.

Huwa dmir u dover ta' din il-Qorti li tipprotegi l-membri tal-Pulizija li hafna drabi jkunu qieghdin jaqdu d-dmirijiet taghhom b'impenn u dedikazzjoni qawwija f'cirkostanzi tant riskuzi u difficli. Il-Pulizija hija bzonnjuza f'socjeta` demokratika sabiex tiehu hsieb l-bzonnijiet tac-cittadini taghha sabiex b'hekk l-istess cittadini jkollhom mohhom mistrieh li f'kaz ta' bzonn, ghandhom lejn min jirrikorru.

Il-Qorti qieset illi l-imputat ried jahrab mhux biss mill-kustodja tal-Pulizija izda ukoll mill-gustizzja li kienet sejra tamministra din il-Qorti, kemm mieghu kif ukoll mas-socjeta`.

Illi dwar il-ferita subita minn PS 951 Joseph Tanti, il-Qorti taqbel ma dak li qal Doctor Gunther Abela dwar in-natura ta' tali ferita fis-sens li kienet ta' natura gravi u fil-fehema taghha tali ferita hija dik li taqa' fil-parametri tal-artikolu 218 (1) (b) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, ghaliex tikkostitwixxi sfregju gravi u permanenti fil-ghonq. Huwa minnu illi l-espert nominat mill-Qorti ddikjara illi l-ferita in kwistjoni kienet ta' natura hafifa, ghaliex fil-fehma tieghu, peress li l-imputat huwa ragel ta' hamsa u erbghin sena u ghandu l-gangala, ma deherlux li kellu jikklassifikha bhala ferita ta' natura gravi.

Il-Qorti taghmel referenza ghall-artikolu 656 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta u cioe` min ghandu jiddeciedi, mhux marbut li joqghod ghall-fehma tal-periti kontra l-perswazjoni tieghu. F'dan il-kaz il-Qorti rat di viso l-vittma u kkonstatat li l-ferita in kwistjoni hija wahda visibbli minn distanza normali u skond l-istess Doctor Dino Vella Briffa, tinhass ukoll.

Illi l-Qorti thoss li ghandha taghti messagg ukoll lis-socjeta` li hija ghandha tuza l-id harxa fil-kazijiet ta' harba minn post tal-kustodja u dan ghaliex tali incidenti qed jizdiedu bir-rizultat li qed jikkrejaw perikolu attwali lis-socjeta` kif ukoll nuqqas ta' fiducja fis-sistemi governattivi.

Din il-Qorti ma tistax thalli twemmin bhal dan jizdied u ghandha tassikura lis-socjeta` li hija ghandha d-dover u d-dmir li tippunixxi tali agir b'severita`.

**Ghaldaqstant, il-Qorti wara li rat l-artikoli tal-ligi partikolarment l-artikolu 41, 95, 96, 152, 214, 216, 221, 328 u 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta tiddikjara li ssib lil imputat AKRAM AMAR SWAYAH hati tal-akkuzi kif dedotti kontra tieghu u tikkundannah ghall-piena karcerarja ta' tlett snin.**

**Dwar it-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex l-imputat ihallas l-ispejjes konessi man-nomina ta' espert ai termini tal-artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti rat illi fil-mori tal-kawza kien gie nominat tabib, Doctor Dino Vella Briffa u l-ispejjez involuti f'tali nomina jammontaw ghal wiehed u hamsin lira maltin [Lm51] u ghaldaqstant il-Qorti tordna lill-imputat ihallas dan l-ammont lill-Gvern ta' Malta fi zmien hmistax il-jum minn meta jigi hekk interpellat.**

**Il-Qorti tordna li din is-sentenza tigi notifikata lid-Direttur tal-Qorti ghal dan il-ghan.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------